MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Settembru, 2008

Numru 652/2008

**Wara l-Mandat ta' Sekwestru Numru 901/08**
**Fl-ismijiet:-**

**Casino-For-Me Limited (C37398)**

**vs**

**Chartwell Games (Malta) Limited (C35153)**
Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat fil-25 ta' Gunju, 2008 mis-socjeta' rikorrenti Chartwell Games (Malta) Limited, li in forza tieghu, wara li issottomettiet illi :

Illi l-esponenti (**Chartwell Games (Malta) Limited**) gew notifikati u allura inhareg kontra taghhom mandat ta' sekwestru numru 903/08 fl-ismijiet premessi li gie akkordat mill-Qorti fl-ammont ta' hamsa u erbghin elf Ewro (€45,000);

Illi jidher manifestament car li dan il-mandat inhareg mis-sekwestranti kontra l-esponenti b’mod ghal kollox irragjonevoli; ma hux mehtieg u ghal kollox mhux gustifikabbli (artikolu 836 (1) (f) tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta’ Malta) u kif ukoll li l-ammont mitlub ma hux gustifikat;
Illi dan il-mandat huwa ghal kollox vessatorju in kwantu s-socjeta esponenti assolutament ma kkawzat ebda danni lis-sekwestranti u kwindi m’hemm ebda pretensjoni x’tigi kkawtelata favur l-istess socjeta sekwestranti u dan kif gja gie debitament spjegat lis-socjeta sekwestranti f’ittra datata 9 ta’ Mejju 2008 li hija spjegattiva fiha nnifisha li qeda tigi hawn annessa u mmarkata bhala ‘**Dok CGM 1**’ u li l-kontenut ta’ liema l-esponenti qeda ghal finijiet w effetti kollha tal-Ligi u a skans ta’ ripetizzjoni, bil-qima kollha tikkonferma;
Illi tant dan il-mandat ma hux mehtieg u mhux gustifikabbli li jigi osservat li kif intqal fid-decizjoni “**Josephine Sammut vs Emanuel Sammut pro et”** (Deciza Prim’Awla 3 ta’ Lulju, 2003 per Imhallef Tonio Mallia): ***“Il-mandati ma ghandhomx jintuzaw bhala magna ta’ estorsjoni, izda bid-debita prudenza, u l-abbuz jista’, u ghandu, jigi sanzjonat bl-imposizzjoni tal-penali”;***
Illi di piu, apparti li dan il-mandat ma hux mehtieg u mhux gustifikabbli, l-anqas hemm *prima facie* raguni biex jinzamm (art. 836 (1) (d) tal-Kap. 12 tal-Ligjiet ta’ Malta) u kwindi ghandu jigi revokat *in toto*;
Illi di piu dan il-mandat qed jikkawza danni kbar lis-socjeta esponenti in kwantu qed jimpediha jew itellifha b’mod gravi milli topera n-negozju taghha. Ghal dan il-ghan il-qorti qeda tintalab sabiex tikkundanna lis-sekwestranti sabiex ihallsu lill-esponenti d-danni li qed jigu sofferti mill-istess esponenti u dan a tenur tal-artikolu 836(9) tal-Kap 12;
Illi di piu ai termini tal-artikolu 836(8) tal-Kap 12 din il-qorti qeda tigi mitluba sabiex tikkundanna s-sekwestranti sabiex ihallsu lill-esponenti il-penali previsti fl-istess artikolu;
Illi finalment din il-Qorti ghandha tordna lis-sekwestranti sabiex fi zmien li jigi lilhom ordnat igibu garanzija tajba skond il-ligi u dan mhux biss fl-eventwalita` li l-mandat jibqa fis-sehh izda wkoll anke jekk il-Qorti tordna t-tnehhija tal-mandat, u dan tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz;

Talbet lis-socjeta' intimata tghid ghaliex ghar-ragunijet fuq imsemmija din il-Qorti m'ghandhiex :
(1) **TORDNA** r-revoka u t-thassir *in toto* tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju **Numru 901/08 fl-ismijiet Casino-For-Me Limited (C37398) vs Chartwell Games (Malta) Limited (C35153)** (Prim'Awla tal-Qorti Civili); u/jew
(2) **TORDNA** u **TIKKUNDANNA** lis-sekwestranti sabiex ihallsu lill-esponenti d-danni li qed jigu sofferti mill-istess esponenti u dan a tenur tal-artikolu 836(9) tal-Kap 12; u/jew
(3) **TORDNA** u **TIKKUNDANNA** lis-sekwestranti sabiex ai termini tal-artikolu 836(8) tal-Kap 12 ihallsu lill-esponenti il-massimu tal-penali previsti fl-istess artikolu; u/jew
(4) **TORDNA** f'kull eventwalita' lis-sekwestranti sabiex igibu garanzija tajba biex taghmel tajjeb ghal kull danni sofferti, li qed isofru u ser isofru l-esponenti u sabiex taghmel tajjeb ghal penali mitluba u dan fi zmien li jigi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas tordna l-hrug tal-kontro-mandat opportun;

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata Casino-For-Me Limited, li in forza taghha issottomettiet :

Illi s-socjeta' esponenti giet notifikata bir-rikors odjern li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti talbet *inter alia* r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 903/08 fl-ismijiet premessi;

Illi fl-umli opinjoni ta' l-esponenti t-talbiet tas-socjeta' sekwestrata ghandhom jigu michuda u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(1) Illi fl-ewwel lok, is-socjeta' sekwestrata qed titlob *inter alia* r-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 903/08. Is-socjeta' esponenti tissottometti illi gia saret talba identika ghal din permezz tar-rikors bin-numru 653/08 JRM (kopja hawn annessa bhala Dok. A) liema rikors gia gie trattat quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta u ghaldaqstant it-talbiet kollha tas-socjeta' sekwestrata mressqa fir-rikors odjern fir-rigward

tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 903/08 huma nulli hu ghandhom jigu michuda;

(2) Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghalkemm is-socjeta' sekwestrata qed tallega illi l-Mandat ta' Sekwestru mahrug fil-konfront taghha huwa irragjonevoli, mhux mehtieg, mhux gustifikabbli, u li l-ammont mitlub mhux gustifikat, pero' fl-istess hin is-socjeta' rikorrenti tonqos milli tiggustifika l-allegazzjonijet taghha u fil-fatt ma ssemmi l-ebda raguni ghalfejn il-Mandat ta' Sekwestru huwa irragjonevoli, ingustifikabbli jew mhux mehtieg kif allegat;

Is-socjeta' esponenti tirreferi bir-rispett ghas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet, *"Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart"* (Rik. Nru. 336/05 JRM) datata 29 ta' Lulju 2005, fejn il-Qorti sostniet: *"Illi kif intqal bosta drabi fi proceduri bhal dawn,* ***l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed prima facie u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet.***[1] *Ghalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex mehtieg li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalghu bejn il-partijiet, liema ezercizzju huwa mholli meta din il-Qorti tisma' l-kawza u l-azzjoni rikonvenzjonali fil-waqt xieraq … L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma' ezami x'aktarx formali tal-att li tieghu qieghed jintalab it-thassir.* ***Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mill-ligi ghall-hrug tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv***[2]*";*

Illi jirrizulta mill-atti tal-Mandat ta' Sekwestru illi dan l-istess att jissodisfa l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hrug tieghu, u fil-fatt huwa mahluf u gie ntavolat kontestwalment mar-Rikors Guramentat u ghalhekk entro t-terminu prefiss mill-ligi;

Illi s-socjeta' esponenti terga' ttenni illi s-socjeta' sekwestrata ma ressqet l-ebda raguni ghalfejn il-Mandat

---

[1] Enfasi mizjuda
[2] Enfasi mizjuda

ta' Sekwestru ghandu jigi revokat u mhassar izda semplicement allegat illi l-Mandat huwa irragjonevoli, ingustifikabbli u mhux mehtieg. Illi fi kwalunkwe kaz, fid-dawl tal-Gurisprudenza kkwotata, r-ragunijiet li jinghataw mis-socjeta' sekwestrata ghar-revoka u t-thassir tal-Mandat ta' Sekwestru, jekk jezistu, m'ghandhomx jirrigwardjaw il-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet.

(3) Illi fir-rigward ta' l-allegazzjoni tas-socjeta' sekwestrata li l-ammont mitlub mhux *prima facie* gustifikat jew li hu eccessiv, is-socjeta' esponenti tirreferi ghas-sentenza hawn fuq ikkwotata fejn inghad: *"Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat Kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg* ***fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni*** *(dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-'fumus juris' tal-pretensjoni dedotta), u* ***fit-tieni lok jekk wasalx biex 'jillikwida' tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil-Mandat****. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarji m'ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit mill-Qorti …* ***Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistghax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b'mod azzardat"***[3];

Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' esponenti fil-konfront tas-socjeta' sekwestrata gew dedotti fir-Rikors Guramentat bin-numru 623/08 AL fl-ismijiet premessi, liema Rikors Guramentat gie ntavolat kontestwalment mal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 901/08 fl-istess ismijiet. In succint, permezz ta' l-imsemmi Rikors Guramentat is-socjeta'

[3] *"Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart"* (Rik. Nru. 336/05 JRM) 29 ta' Lulju 2005

esponenti qed titlob il-hlas tas-somma komplessiva ta' hamsa u erbghin elf Ewro (€45,000) in kwantu erbghin elf Ewro (€40,000) rapprezentanti 'set up fees' li s-socjeta' intimata obbligat ruhha li tirrfondi lis-socjeta' rikorrenti (kif jirrizulta mid-dokument hawn anness bhala Dok. B) u hamest elef Ewro (€5,000) rapprezentanti r-rifuzjoni tal-'license fee' ghax-xahar ta' Frar 2008 (kif jirrizulta mid-dokument hawn anness bhala Dok. C), liema ammont huwa ekwivalenti ghall-ammont imsemmi fil-Mandat ta' Sewkestru u ghalhekk ma jirrizulta l-ebda abbuz kif allegat mis-socjeta' sekwestrata.

(4) Illi fir-rigward ta' l-allegazzjoni tas-socjeta' sekwestrata li m'huwiex ragonevoli li l-Mandat jinzamm fis-sehh jew li huwa ingustifikabbli, s-socjeta' esponenti terga' tirreferi ghas-sentenza hawn fuq ikkwotata fejn inghad: *"Din il-Qorti diga' stqarret li dan (u cioe' l-istharrig fil-mertu) ma jaghmilx bicca mill-kriterji li fuqhom hija ssejjes il-konsiderazzjonijiet taghha fi procedura bhal din: biex il-Qorti tista' tqis jekk hijiex misthoqqa jew le,* ***il-pretensjoni tar-ragonevolezza li l-Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh trid tirrizulta minghajr ma ssir indagini fil-mertu*** *… Is-success jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b'mod vesatorju jew fieragh;*

Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' esponenti fil-konfront tas-socjeta' sekwestrata huma cari u konkreti u ghandhom jigu kkawtelati, u ghaldaqstant il-Mandat ta' Sekwestru huwa ragonevoli, mehtieg li jibqa' fis-sehh u gustifikabbli.

(5) Illi fir-rigward tat-talba ghad-danni, din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta sostniet: *"Illi, naturalment, il-Mandat ta' Sekwestru taht ezami wegga' lir-rikorrent. Il-Qorti ma kenitx tistenna li jitressaq ir-rikors promoter kieku dan ma kienx il-kaz.* ***Dan il-fatt, wahdu, m'huwiex raguni valida biex il-Mandat jitnehha.*** *Il-bilanc li l-Qorti trid tilhaq bejn il-jeddijiet tal-pretendenjt u tal-parti li kontra taghha ssir il-pretensjoni, jrid jigi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tieghu, protezzjoni bikrija mahsuba mil-ligi sakemm il-kwestjoni tigi mistharrga kif imiss fil-mertu. Ma jrid jintesa qatt li l-ghan*

*tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li "jiffriza" l-qaghda sakemm il-kwestjoni tigi mistharrga kif ghandu jkun fil-mertu. Illi wiehed ghandu jqis ukoll li, qabel dahlu fis-sehh il-bidliet fil-ligi procedurali fl-1995, ma kien moghti l-ebda rimedju bhal dak mitlub illum mir-rikorrent ghat-tnehhija ta' Mandat, sakemm ikun giue mistharreg il-mertu tal-kwestjoni. Illi, minkejja dan, il-Qorti ma tistghax tinsa ghal kollox li, sewwasew minhabba l-effetti drastici tal-Mandat, isehhu konsegwenzi kultant serji li jhallu l-effetti taghhom fuq il-parti intimata. Kemm hu hekk, il-Qorti tifhem sewwa li r-rikorrent qieghed igarrab hsara kontinwa bil-Mandat fis-sehh ma kull jum li jghaddi.* ***Din il-hsara ma tistax madankollu tkun ir-raguni biex il-Mandat jitnehha****. Kieku l-ligi kelha titfisser b'dan il-mod, l-ebda Mandat effettiv ma jibqa' fis-sehh ladarba jigi muri li l-parti intimata f'dak il-Mandat tkun qed tbati."*[4]

(6) Illi finalment, fir-rigward tat-talba ghall-garanzija, fl-istess sentenza hawn fuq kwotata ntqal illi: *"Hawnhekk irid jinghad li l-Qorti tfisser l-applikazzjoni tal-artikolu partikolari tal-ligi bhala wiehed alternattiv ghat-talba ghat-thassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispozizzjonijiet tal-artikolu tal-ligi dwar l-ghoti ta' garanzija min-naha ta' l-ezekutant huma mqeghda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-thassir tal-Mandat. Il-Qorti hija tal-fehma, ghalhekk, li r-rimedju tal-ghoti tal-garanzija huwa alternattiv ghat-talba tat-thassir tal-Mandat, u anzi jista' jinghata biss jekk kemm-il darba t-talba ghat-thassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jigifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod ghadu fis-sehh. Li kieku ma kienx hekk, l-ahhar erba kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddahhlu fil-ligi ghalxejn. Illi minbarra dan il-ligi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawza gusta" biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piz li toffri garanzija tajba.* ***Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-Mandat ma jitqiesx bhala "kawza gusta" ghall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn,***

[4] *"Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart"* (Rik. Nru. 336/05 JRM) 29 ta' Lulju 2005

***izjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti taghti dik is-sanzjoni.”***[5]

Illi ghaldaqstant, fl-umli opinjoni ta’ l-esponenti, t-talbiet tas-socjeta’ sekwestrata ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom in kwantu l-Mandat ta’ Sekwestru huwa *prima facie* gustifikat, huwa ragjonevoli u mehtieg li jibqa fis-sehh sabiex jigu kkawtelati l-pretensjonijiet tas-socjeta’ esponenti;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw;

Peress illi s-socjeta’ rikorrenti ma issodisfatx ir-rekwiziti tal-Artikoli 836 (1) (f) u 836 (1) (d) tal-Kap. 12 il-Qorti tichad it-talbiet kollha tal-istess socjeta’ rikorrenti;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ rikorrenti;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] *“Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart”* (Rik. Nru. 336/05 JRM) 29 ta’ Lulju 2005